

2009/2002(BUD)

26.8.2009

EMENDI

1 - 3

Abbozz ta' opinjoni
Peter Šťastný
(PE427.189v01-00)

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2010, Taqsima III - Kummissjoni
(2009/2002(BUD))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Cristiana Muscardini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. **Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta'** ċarezza dwar kif se jkunu ffinanzjati l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs); jistieden lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni dettaljata dwar l-għajjnuna finanzjarja li se tipprovdli lill-pajjiżi tal-AKP biex jadattaw ruħhom għall-bidliet ekonomiċi li jsegwu l-iffirmar tal-EPAs;

Emenda

7. **Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura** ċarezza dwar kif se jkunu ffinanzjati l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs); jistieden lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni dettaljata dwar l-għajjnuna finanzjarja li se tipprovdli lill-pajjiżi tal-AKP biex jadattaw ruħhom għall-bidliet ekonomiċi li jsegwu l-iffirmar tal-EPAs;

Or. en

Emenda 2
Cristiana Muscardini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni

9. **Itenni** li jinħtieġ li **jingħata** appoġġ finanzjarju **konkret** għat-trasferiment ta' teknoloġija marbuta mal-farmaċewtika u mal-bini tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-produzzjoni lokali tal-farmaċewtika fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, b'mod speċjali fil-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), fir-rispett tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 66(2) tal-Ftehimia dwar l-Aspetti tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS);

Emenda

9. **JInnota** li jinħtieġ li **l-fondi, kemm il-ħlasijiet kif ukoll l-impenji, jinżammu fil-livell tal-2009, u li l-appoġġ** finanzjarju **jkun iffukat fuq azzjonijiet konkreti** għat-trasferiment ta' teknoloġija marbuta mal-farmaċewtika u mal-bini tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-produzzjoni lokali tal-farmaċewtika fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, b'mod speċjali fil-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), fir-rispett tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 66(2) tal-Ftehimia dwar l-Aspetti tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS);

Or. en

Emenda 3
Cristiana Muscardini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' opinjoni

10. Jirrimarka li jinħtieġ li **jiżdiedu** l-fondi għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-mard marbut mal-faqar, mard tropikali u mard li għie injorat, bil-parteċipazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati u inizjattivi oħra possibbli ta' finanzjament, u biex jiġu appoġġjati istituti tar-riċerka li huma lesti li jikkooperaw f'inizjattivi dwar is-saħħa pubblika ddedikati għal dawn l-isforzi u li jagħmlu riċerka u jiżviluppaw mediċina ta' rilevanza speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Emenda

10. Jirrimarka li jinħtieġ li l-fondi, **kemm il-ħlasijiet kif ukoll l-impenji, jinżammu fil-livell tal-2009, u li l-appoġġ finanzjarju jkun iffukat fuq azzjonijiet konkreti**, għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-mard marbut mal-faqar, mard tropikali u mard li għie injorat, bil-parteċipazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati u inizjattivi oħra possibbli ta' finanzjament, u biex jiġu appoġġjati istituti tar-riċerka li huma lesti li jikkooperaw f'inizjattivi dwar is-saħħa pubblika ddedikati għal dawn l-isforzi u li jagħmlu riċerka u jiżviluppaw mediċina ta' rilevanza speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Or. en